MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-11 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 270/2007

**A.**

**-vs-**

**1. B**
**2. C**
**3. Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b'digriet ta' l-4 ta' Settembru, 2007 ġew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-minuri X.**
**4. Direttur tar-Reġistru Pubbliku.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-20 ta' Ġunju, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi l-minuri X, rappreżentat f'dawn il-proċeduri permezz ta' kuraturi deputati, twieled fis-26 ta' Lulju, 2005 kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dokument A;

2. Illi għalkemm fiċ-ċertifikat tat-twelid imsemmi ġie dikjarat illi l-missier tat-tarbija huwa l-intimat C, pero' di fatti ma huwiex;

3. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri ġie dikjarat illi missier il-minuri huwa C *stante* illi ma laħqux għaddew tliet mitt jum mill-otteniment tas-separazzjoni personali legali bejn l-intimati C u B, u *cioe'* omm il-minuri, sad-data tat-twelid tal-minuri;

4. Illi fil-fatt il-minuri X ġie konċepit minn relazzjoni li l-intimata B kellha mar-rikorrenti;

5. Illi r-rikorrenti għandu nteress illi jiġi dikjarat li t-tarbija X hija l-wild naturali u bioloġiku tiegħu u mhux ta' l-intimat C;

6. Illi jeħtieġ illi jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri mill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li t-tarbija li twieldet lill-intimata B fis-26 ta' Lulju, 2005 bl-isem ta' X, hija l-wild naturali u bioloġiku tar-rikorrenti A u mhux ta' l-intimat C.

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku iħassar u jikkanċella miċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri X (Att Numru 2571 ta' l-2005), l-isem u d-dettalji ta' l-intimat C minn kull fejn jirrikorri u minflok iniżżel l-isem u d-dettalji tar-rikorrenti A.

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku jħassar u jikkanċella miċ-ċertifikat tat-twelid tal-

minuri X (Att Numru 2571 ta’ l-2005) il-kliem “*the said*” mid-dettalji ta’ l-omm u *cioe’* l-intimata B.

4. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku jħassar u jikkanċella miċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri X (Att Numru 2571 ta’ l-2005) il-kunjom “C” mid-dettalji ta’ l-isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa, u minflok iniżżel il-kunjom “A”.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma nġunti sabiex jidhru in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Kuraturi Deputati, ippreżentata fil-25 ta’ Ottubru, 2007, li permezz tagħha esponew bir-rispett u bil-ġurament tagħhom iddikjaraw:

Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u għalhekk qegħdin jirriservaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fit-30 ta’ Ottubru, 2007, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent m’huwiex edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent għandu jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-

rikors jintlaqgħu, dawn id-dettalji jkunu jistgħu jiġu nseriti fil-kolonni rispettivi fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat, li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

5. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti B u C għalkemm notifikati naqsu li jirrispondu għar-rikors, u għalhekk huma kontumaċi skond il-liġi.

Rat l-ammissjoni tal-konvenuta B waqt is-smigħ tas-seduta tat-30 ta' Novembru, 2007.

Rat l-atti proċesswali, u senjatament l-affidavit ta' l-attur A u tal-konvenuta B.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Frar, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha l-konvenuta, li hija l-konviventi tiegħu, u reġistrata bħala bint ir-raġel tagħha, hija fil-fatt tiegħu. Il-konvenuta ammettiet u l-kuraturi m'humiex edotti bil-fatti. Jirriżulta li l-attur u l-konvenuta *gia'* kellhom tarbija oħra fil-mori tal-pendenza tal-kawża ta' separazzjoni bejn il-konvenuti B u C li ġiet dikjarata tiegħu.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost oħrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħeda mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba ta' l-attur, u anke f'dan il-każ hemm ammissjoni ċara. Mill-provi jirriżulta li l-attriċi sseparat *a dirittura* qabel it-twelid tat-tarbija.

Rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Artiklu 254 ġie sodisfatt billi l-pubblikazzjoni saret.

**Għaldaqstant il-Qorti:**

**1. tilqa' l-ewwel talba;**

**2. tilqa' t-tieni talba;**

**3. tilqa' t-tielet talba;**

**4. tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jirreġistra l-korrezzjonijiet neċessarji fl-att tat-twelid imsemmi u jitniżżlu l-konnotati ta' l-attur, illi huma dawk indikati fl-affidavit tiegħu.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-attur u l-konvenuta B solidalment bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------